**GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.**

**SEDUTA TA’ NHAR IT-TNEJN, 30 TA' LULJU, 2001**

*Avviz. Nru 346/01 AJD*

Quality Meat Products Limited

vs

Doreen Boyanzis

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Mejju, 2001, fejn intalab li l-konvenuta tigia kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u disgha u erbghin liri Maltin u tnejn u tletin centezmu (Lm249.32), rapprezentanti bilanc fuq il-valur ta' prodotti tal-laham mibjugha u konsenjati mis-socjeta' attrici lill-konvenuta, liema hlas baqa' ma sarx minkejja diversi interpellazzjonijiet maghmula lill-istess konvenuta.
Bl-ispejjes, u interessi kummercjali sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuta.

Ra n-nota prezentata mill-konvenuta fejn hija ammettiet it-talbiet attrici.

Ghaldaqstant fuq ammissjoni, it-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u disgha u erbghin liri Maltin u tnejn u tletin centezmu (Lm249.32) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza jithallsu mill-konvenuta skond il-ligi.

AV. AUDREY J.DEMCOLI
GUDIKATUR